Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/459

11.3.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/459

tal-10 ta' Marzu 2025

li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2410 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Id-dinotefuran ġie approvat sal-31 ta' Mejju 2022 bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/416 [2], soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament ("l-approvazzjoni").

(2) Fil-11 ta' Novembru 2020, ġiet ippreżentata applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-applikazzjoni"). L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tal-Belġju.

(3) Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1286 [3], id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ġiet posposta għat-30 ta' Novembru 2024, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni. Dik id-data tal-iskadenza ġiet posposta ulterjorment għat-30 ta' Novembru 2025 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2410 [4].

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/457 [5] ġedded l-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18, soġġett għall-kundizzjonijiet fl-Anness ta' dak ir-Regolament, inkluża d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li titħassarid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2410 li tipposponi d-data tal-iskadenza inizjali tal-approvazzjoni tad-dinotefuran,

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/416 tat-12 ta' Marzu 2015 li japprova d-dinotefuran bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 18 (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/416/oj).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1286 tat-2 ta' Awwissu 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 279, 3.8.2021, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/1286/oj).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2410 tat-13 ta' Settembru 2024 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tad-dinotefuran għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/2410, 16.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/2410/oj).

[5] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/457 tal-10 ta' Marzu 2025 li jġedded l-approvazzjoni tad-dinotefuran bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/457, 11.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/457/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2410 titħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN